TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 375/10

**Irvin Galea**

**vs**

**Seven Mobile**

Illum 13 ta' Marzu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 t'Ottubru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab li jittranġa l-mobile li kien xtara mingħand is-soċjeta' intimata peress li kien ġralu l-ħsara u l-prezz tat-tiswija kienet ta' mitt ewro (€100).

Is-soċjeta' intimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara mobile mingħand is-soċjeta' intimata u ħadu għat-tiswija għax kien ġralu l-ħsara.

Waqt ix-xhieda, r-rikorrenti aċċetta li l-ispejjeż jitqassmu nofs bin-nofs minħabba n-natura tal-ħsara.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata kemm bl-avviż tat-talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smigħ u msejħa tliet darbiet, baqgħet ma dehrietx għas-seduta.

It-Tribunal jinnota wkoll illi sal-ħin tas-seduta, s-soċjeta' intimata kienet għada ma bagħtitx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jinnota illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli u aċċettabli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa't-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' ħamsin ewro (€50), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**